*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 49**

**Il-Ħamis 27 ta' April 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**49.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Il-Perit John Schembri.

**49.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 48 li saret Nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2023:</u>***

**49.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 10 artiklu 48.7.4 għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

''Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien bagħat lis-Sinjura Emeline Fenech fi ħdan it-TMalta sabiex tingħata l-prijorita' assoluta sabiex issir il-kostruzzjoni mill-ġdid ta' parti minn Triq La Sengle. Huwa spjega li aħna tlabna li ssir parti min Triq la Sengle. Huwa spjega li aħna konna bgħatnijla lista ta' toroq li għandhom isiru fis-snin 2023,2024,2025''.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**49.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 48 li saret Nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2023.</u>***

**49.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 48.2.1.3 staqsa jekk sarx id-disinn fejn irid isir il-luzzu?

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bħalissa l-Perit tal-Kunsill għandha ħafna xogħol fuq affarijiet oħra tal-Kunsill pero nipprovaw nħalluha għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**49.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 48.2.2.2 u staqsa jekk il-kunsill hux infurmat meta ser ikollna l-mechanical sweepers.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemmhekk trid issir DNO għaliex ġew tal-Cleansing and Maintenance Division ~~ġew~~ fuq il-post u kejlu kemm trid tiġi kbira l-kamra u qed jistenna id-disinn min naħa tagħhom fejn trid issir ezatt l-istruttura.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk din toqgħodx ġol Kunsill għaliex hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għandhom din l-idea li fil-passaġġ li hemm wara l-Kunsill ikun jistgħa jsir bħala workshop wara li jingħalaq b'gate.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li fis-sala hija out of the question izda dement li ma jidlux vetturi m'għandix tkun problema.

**49.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 artiklu 48.2.2.9 u staqsa meta ser jibda jintuza l-vann tal-elettriku.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-istickers fuq il-vann twaħħlu lbieraħ u l-pass li jmiss hu skond l-agreement li iffirmajna sabiex il-Kunsill jotjeni il-fondi il-Kunsill għandu jgħamel launch uffiċjali ta' dan il-vann u apparti min hekk irid isir il-management agreement u hu diġa kellem lill-Kunsillier Dr Errol Cutajar offra li lest sabiex jgħina ngħamlu draft ta' dan il-management agreement fejn il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon kellha titkellem mall-Kunsillier Dr Errol Cutajar dwar dan.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fl-opinjoni tiegħu m'għandux jitħalla wara l-Kunsill u tajjeb ikun ħdejn id-dar tal-anzjani.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-kunsill jistgħa jgħamel uzu tiegħu mill-ħaddiema tal-Kunsill għalhekk sakemm isir dan l-agreement tajjeb li jibqa ħdejn il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 artiklu 48.2.2.19 jekk sarx xi zvilupp fuq Triq La Sengle.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din il-laqgħa attenda għaliha s-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u għalhekk tajjeb jinfurmawna huma xintqal f'din il-laqgħa.

Is-Sur Charlot Mifsud qal li ijwa hu attenda pero staqsa jekk sarx progress.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa meta huma tkellmu ma Infrastructure Malta jekk tawomx xi data meta ser jibda ix-xogħol.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser jitkellem fuqha aktar tard.

**49.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 48.2.2.21 rigward l-enroachment tal-imwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tal-Kunsill staqsejna pero l-intenzjoni tal-Kunsill kienet li l-area ta' fej iridu jsiru l-imwejjed u siġġijiet issir pero jidher li ħadd mhu lest li jieħu din ir-responsabilita'. Il-Kunsill lanqas għadu jiġi innotifikat bl-ebda mod u għalhekk kellimna id-Dipartiment u min naħa tagħhom staqsew biex aħna ngħatu l-ismijiet tal-ħwienet li qed nistaqsu fuqhomu l-Kunsill qal illi din mhux kwistjoni ta' ħanut wieħed izda tal-ħwienet kollha pero ħadd ma reġgħa tagħna risposta.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa fejn jitħallsu dawn il-permessi għaliex ir-records ikunu fil-post fejn dawn qed imorru jħallsu l-permess.

**49.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 48.3.1 u qal illi hu kien prezenti għal din l-attivita'.

**49.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 artiklu 48.3.7 fejn qal illi vera ix-xogħol fuq il-moll qed isir sewwa pero qed jieħdu wisq zmien sabiex jagħmluh u ser jerggħa jidħol is-sajf u ser ikun għadu għaddej ix-xogħol, hu qal illi l-Kunsill kien qabel li jsiru xi bollards biex ma jibqgħux diħlin pero dan ma sarx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jafx kif qed nippermettu li jidħlu l-karozzi sa hemm ġew l-ewwel nett għaliex hu ta' periklu. Hu qal illi qabel lanqas setgħu jidħlu ħaddiema għal manutenzjoni u għalhekk kien hemm bollard biex tinfetaħ meta jkun hemm bzonn pero issa tinsab miftuħa għal kulħadd.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kellem lill-ħaddied tal-Kunsill pero għandu wisq xogħol bħalissa pero tajjeb li jerġgħu ikellmuh.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal anke jekk nagħmlu tabella inkunu qed ngħamlu progress sakemm isiru l-affarijiet l-oħra.

**49.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq il-Community Police fil-Lokal fejn hu japprezza ix-xogħol tagħhom pero jixtieq li issa li ġej is-sajf jibdew ikunu aktar prezenti fejn ikun hemm karozzi ipparkjati bl-addoċċ fil-kantunieri.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellhom meeting mal-Pulizija u jidher li dawn ser ikollhom aktar ħin ta' xogħol propju sabiex jieħdu ħsieb l-iparkjar tal-vetturi fi zmien is-sajf meta l-popolazzjoni tizdied kif ukoll l-ammont ta' nies li jzuru l-lokal.

**49.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 11 artiklu 48.7.5 jekk kienx hemm xi progress fuq il-katakombi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien għad qed jitbattal l-ilma minnhom pero ma kienx hemm progress.

**49.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 48.2.2.6 jekk kellnix konferma fuq il-Karnival.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ser isir fl-20 t'Awwissu u hemm ix-xogħol li jrid isir hemm bzonn tal-Pulizija, ufficjali tal-LESA u anke trid tinvolvi l-banda u anke irid isir *risk assesment* irridu naraw kemm hemm spejjez għaliex dawn ser isiru mill-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsilliera is-Sur John B Camilleri, is-Sinjura Maryrose Mifsud kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jistgħu jagħtu daqqa ta' id.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk id-dawl ser ikun hemm xi ħaġa differenti milli saret fi snin oħra.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward dawl ma jidirx li għandu jkun hemm tibdil pero tajjeb li issir laqgħa sabiex jibda ix-xogħol.

**49.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 48.2.2.10 u staqsa jekk id-doggy bins humiex available għaliex hemm bzonn li jsir doggy bin min Triq San Ġorġ sal-pitch għax ma hemmx.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi irridu noqgħodu attenti li ma nagħmluhomx qrib ir-residenti għaliex qed ikollna ħafna ilmenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm bzonn aktar doggy bins f'inħawi oħra pero ħa jiprova jsib areas li ma hemmx residenzi.

**49.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 48.3.4 u staqsa jekk nistgħux nagħmlu clean up.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nistgħu ngħamluha mingħajr ma nuzaw l-iskema u l-Kunsill fejn nissuplixxi skips,ingwanti u boroz bħas soltu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal in-naħa taz-Zonqor ikun post tajjeb.

**49.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-community policing jieħdux ħsieb l-over speeding għaliex qed ikun hawn ħafna nies li qed isuqu b'ħafna veloċita;.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fil-laqgħa li jmiss li jkollu mall-Pulizija jekk irid il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jattendi. Huma jkollom xogħol li jkun jaqa taħt il-Pulizija tal-għases pero huma jgħamlu xogħol siewi ħafna dak proattiv.

**49.2.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 10 artiklu 48.7.1 fejn qal illi kemm il-darba tkellem fuq il-Bidni u fliema stat tħalla mill-WSC, tressqet ukoll PQ fejn ir-risposta kienet li ix-xogħol kellu jitlesta f'April pero dan għadu ma sarx.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xi zewg laqgħat ilu hu sema li l-Kuntrattur intgħazel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-kuntrattur intagħzel pero ix-xogħol ma sarx Hu kompla jgħid illi l-PQ ħarġet mill-Ministeru ta' Miriam Dalli, għalhekk tajjeb li nikkomunikaw ma dan il-Ministeru u nistaqsu meta ser isir ix-xogħol.

Kien hemm qbil unanimu.

**49.2.2.14** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal 48.7.5 qal li jifhem l-argumenti kollha li l-Kunsill ġab fuq il-katakombi pero hu lest li joffri l-għajnuna tiegħu u jaħdem fuqha hu personali f'isem il-Kunsill.

Is-Sindku qal illi ~~bħalissa~~ ma hemmx għalfejn għaliex bħalissa qed nistennew il-kuntrattur tat-tindif tal-culverts fil-prezenza ta` esperti minn naħa tas-Supretendenza tal-patrimonju Malti biex ineħħu l-ilma.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal hu qed joffri mhux biex jieħu xi mertu izda biex l-lokal intuwhom lura dawn il-katakombi.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk il-Kunsill hux ser iħallas hu lil General Ecological.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jħoss li l-Kunsill għandu jħallas.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma dan il-kuntrattur il-Kunsill diġa jasal sal-massimu tad-direct order u għalhekk jew ser jitnaddfu l-katakombi jew ser jitnaddfu l-culverts jew inkella insibu kuntrattur iehor pero dan il-kuntrattur jaf sew ir-rotta tat-tindif tal-culverts tal-lokal tagħna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hawn lokalitajiet fejn il-culverts jitnaddfu b'xejn min naħa tal-Gvern Ċentrali u għalhekk għandna niċċekjaw ftit fuq dan.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**49.2.2.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 13 artiklu 48.7.12 u staqsa jekk il-Kunsill għandux xi risposta fuq din l-iskema tal-LC Care.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill għamel affidavit pero xorta waħda telfu l-fondi lill-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal b'dan il-mod jaqtgħu qalb lill-Kunsill sabiex japplikaw għall-iskemi. Il-Viċi Sindku talbet iktar dettalji ħalli tiċċekkja min naħa tagħha.

**49.2.2.16** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 48.2.2.3 rigward il-ħadid imsemmi hu mar fuq il-post u l-ħadid li hemm mgħawweġ m'għandux għalfejn jinbiddel għaliex dak jiswa ħafna flus izda jista jinġibed u id-dagħjsa li hemm ser tiġi miġbura.

**49.2.2.17** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 48.2.2.4 hu qal illi sa ġimgħa ilu kien hemm arranġanmenti bejn l-ERA U Infrastructure Malta fejn kienu qed jitkellmu bejnithom u beda ix-xogħol it-Tnejn li għaddha u hu mar fuq il-post u x-xogħol miexi u qed isiru retaining walls.

**49.2.2.18** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja paġna 6 artiklu 48.2.2.21 qal illi din saret tlett tijiem wara.

**49.2.2.19** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 10 artiklu 48.7.4 is-Sindku qal illi hu u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kellhom laqgħa ma Infrastructure Malta u kellhom diskussjoni tajba mas-Sinjura Emelie Fenech u zewġ Periti oħra u qablu li l-ewwel li ser jibdew wara Triq l-Iskal hija l-ewwel biċċa ta Triq La Sengle min ħdejn Pjazza Dun Tarċis sa ħdejn il-muzew kif ukoll parti min Triq in-Naspli anke jekk il-Kunsill ma issuġġerijiex fil-lista ta' toroq. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi Triq l-Iskal qed issir bħalissa u bdew id-drenaġġi filfatt kien hemm komunikazzjoni mall kuntrattur biex il Kunsill ma joħroġx permessi f'din it-triq biex ikomplu bix-xogħol u l-programm hu li wara li titlesta din it-triq tinbeda Triq is-Silla għaliex hija twila immens wara hemm Triq il-Bajja, Triq San Nikola, Triq Santa Maria u Triq l-Għawwiema u huma raw li dan il-pjan huwa tajjeb u dan hu l-ewwel batch minn proġett fuq bazi ta' tlett snin.

**49.2.2.20** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 12 artiklu 48.7.6 rigward l-Easter hunt li saret u kienet ta suċċess fejn ingabru xi flus u għaddew lil organizazzjoni imsemmija.

**49.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**49.3.1** ***Laqgħa ma TM rigward il-proġett fuq l-impjant ta' Sant Antnin:***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kellhom laqgħa ma TM u tkellmu fit-tul fejn ipprovaw isibu mezz kif jizdiedu l-parkeġġi la darba jsir il-proġett fuq l-impjant ta' Sant Antnin għaliex ilkoll nafu li hija problema kbira fil-lokal allura apparti li tajjeb li jizdiedu is-siġar nieħdu ħsieb li nagħmlu ftit parkeġġi sabiex inkunu nistgħu inaqqsu mill parkeġġi fil-qalba tal-lokal. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm nvolut ukoll il-Professur Buhagiar.

**49.3.2** ***Residenti ukreni f'Marsaskala:***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġie avviċinat mill-ambaxxatur Malti għal ukraina fejn f'Marsaskala hawn 90 Ukren u għalhekk hu staqsa sabiex issir laqgħa bħala komunita' pero sa issa ma reġgħax irrisponda għall korrispondenza tiegħu.

**49.3.3** ***Laqgħa mal Onor Alison Civelli:***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mal Onor Alison Civelli u informa lill-Kunsill b'diversi dati imnizzla hawn taħt għal laqgħa u attivitajiet varji:

8 ta' Mejju 2023 – konferenza
17 ta' Mejju 2023 – laqgħa għas-Segretarji Ezekuttivi
16 u 17 ta' Mejju 2023 – laqgħa għas-Sindki,Viċi Sindki u Kunsilliera
14 ta' Ottubru -open day tal-Kunsilli.
17 ta' Novembru – rikonoxximenti.

**49.3.4** **BIS fi Pjazza Mifsud Bonnici:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsilliera sabu diffikulta bil-BIS li kien hemm fi Pjazza Mifsud Bonnici li kienu qed jiġu abbuzati u ħafna drabi min jiġi jbattalom ma setax għaliex ikun hemm skart imħallat u grazzi għal cleansing kienu qed inadfu il madwar. Tlabt għal laqgħa urġenti mal-Green mt fejn ġie deċiz li jitneħħew għall kollox u issa reġgħa hemm l-indafa.

**49.3.5** **Xogħolijiet mall-promenade:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ltaqa mas-Sur Alex Caruana Kunsillier fil-Kunsill ta' Birzebbuġia u jaħdem fil-Ministeru tal- Onor Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi. Dan ix-xogħol fuq il-promenade li ma kienx xogħol li setgħa jgħamel il-Kunsill u bħalissa qed jinbidel il-madum faċċata tal-Brighton pizzeria kif ukoll ser tinbidel il-bankina fejn kienet tkellmet fuqha il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon li tela trakk sfrunda.

**49.3.6** **Proġett ta' scooters fil-lokal:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward l-iscooters, il-Kunsill kien applika pero meta irbaħna dan il-proġett indunajna illi l-affarijiet kienu mod ieħor u fil-laqgħa tal-Kunsill kien qal illi ser ikellem lil din il-kumpanija rigward dawn l-iscooters li jġorru n-nies fuqhom pero jidher li dawn kellna nixtruhom aħna u nsibu drivers aħna u għalhekk talabhom biex ituna fondi biex nixtru vann għall-Kunsill pero ma aċċettawx.

**49.3.7 Rikonoxximenti għal Kappillan Fr Roderick Azzopardi:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal wara li tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv inxtara rikonoxximent għall Kappillan tal-Lokal fejn ingħatalu s-Sibt li għadda qabel ma jmur f'lokalita' oħra. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ukoll illi inxtara rikonoxximent ieħor għal Fr Luke li ser ikun il-Kappillan tal-Lokal il-ġdid però ser jingħatalu aktar tard pero d-data għadna ma nafuwiex.

**Studenti mill-Polonja:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġew studenti mill-Polonja sabiex jaħdmu f'diversi setturi fosthom f'lukandi, ristoranti kif ukoll fl-IT hu qal illi meta waslu intuza van wieħed biss għaliex kemm hu kif ukoll il-Kunsilliera is-Sinura Mary Rose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għamlu vjaġġi bil-vettura personali tagħhom pero il-Ħadd 30 t'April 2023 ser ikun hemm bzonn ta' van sabiex ikun jistgħa jintuza għal erba siegħat fejn il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud flimkien miegħu ser jieħdu dawn l-istudenti mawra ma Malta. Dan il-vann biss ser jitħallas mill-Kunsill. Transport mill-ajruport u lura flimkien mal-ikel tal-Ħadd kopert kollu mill-fondi tal-proġett.

Kien hemm qbil unanimu.

**49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**49.5 Rapporti:**

**49.5.1 Aġġudikazzjoni tat-tender rubber flooring fi Ġnien Antoine Randich:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-bord iltaqa erba darbiet u madankollu r-rakkomandazzjoni finali hija li l-offerent Urban Play solution jilħaq il-kriterji kollha neċessarji bl-ammont ta' €17,000.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill ħadimx ma dan il-kuntrattur diġa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bħala Urban Play qatt ma ħadmu magħna pero l-ħaddiema li hemm ħadmu magħna diġa.

Il Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet x'tapit ser jintuza.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur josef grech qal illi ser jintuza l-insitu fejn anke bgħatu xi samples tiegħu.

**Jipprononi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jissekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri sabiex jintgħazel il-kuntrattur Urban play 8 favur 0 kontra 0 astenzjoni.**

**49.5.2 Rapport ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar sal-aħħar ta' Marzu 2023:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega ir-rapport finanzjarju.

Jipprononi l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u jissekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri bil-votazzjoni tkun 8 favur 0 kontra 0 astenzjoni.

**49.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**49.7 Korrispondenza:**

**49.7.1 Serbian Language and culture lessons in Marsaskala (35/1090/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din hi korrispondenza antika.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi r-raġel ta' din il-persuna infurmah li jixtieq jgħamel plakka f'San Tumas kommemorattiva għan nies Serbjani li inqatlu fit-tieni gwerra dinjija.

Kien hemm qbil li ntellgħu din il-korrispondenza fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**49.7.2 Petition for installation of speed humps in Triq il-Granmastri (35/1126/35/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġew tlett min nies jistaqsu għal din l-ispeed hump u din il-persuna ġabet lista ta firem ta' nies li jixtiequ li issir.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li ġabet il-petizzjoni pero fl-aħħar mill-aħħar id-deċizjoni taqa f'idejn it-TM.

Kien hemm qbil unanimu li ngħamlu rikjesta lil TM.

**49.7.3 SPI/SCI/4/2022 Applikazzjoni skema finanzjarja komunitajiet aktar siguri u organizzati u SPI/SCI 5/2023 Fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (35/1205/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn iz-zewġ skemi qatt ma applikajna għalihom.

**49.7.4 Fajtata kiosk, il-Bajja ta' San Tumas Marsaskala (35/1230/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi reġgħet ħarġet enforcement notice oħra minkejja li kien hemm xi tibdil fosthom li din il-kiosk qeda fuq ir-roti pero xorta qed jgħidu li din tpoġġiet b'mod permanenti u li hemm pjattaforma tal-injam u għalhekk inħarġet din l-enforcement notice fejn din tiġi b'multi u xtaq jinforma lill-Kunsill x'kien qed jiġri b'din il-kiosk.

**49.7.5 Fondi tal-LESA (35/1269/23/I) (35/1529/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi c-CEO tal-LESA qed juri t-talba tal-Kunsill lill-bord fejn infurmawna illi l-bord ma qabilx li l-Kunsill jieħu l-fondi sabiex jxitri vann tal-Kunsill però ser ikunu qed jaħdmu biex iżidu l-ammont ta' flus li jistgħu jingħataw lill Kunsill sabiex isir il proġett ta' tibdil tal-Outdoor Gym fi Ġnien San Tumas, però jekk il-Kunsill ħareġ it-tender u għadna kuntrattur *technically and administratively compliant* tajjeb li nkomplu bil-proġett la darba ningħataw il-fondi miżjuda umbgħad il-partijiet l-oħra tal-Ġnien tista issir mill-kumpanija *Bulletproof* kif tkellimna aktar qabel.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi il-leisure park ħafna nies jistaqsu għal xi equipment u min naħa ta' Bulletproof anke isuġġerew *multifunctional rig*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-importanti li l-equipment li jsir ikun tajjeb għal elementi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dik il-problema eliminajnija billi ser isir apparat ma jiċċaqlaqx.

**49.7.6 Problema fi Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/1392/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi TM ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Kunsill cioe li issir CCTV għaliex dik mhijiex triq arterjali

It-TM infurmatna illi min naħa tagħhom kienu għamlu road humps li mbagħad tneħħew mill-Kunsill fejn dawn jista jkun li tneħħew minħabba ilmenti mingħand ir-residenti anke għaliex dawn ir-road humps ma kienux wiesgħa biżżejjed għaliex dawk ir-road humps ma jintużawx f'toroq fejn il-veloċita' massima ma taqbisx il-50k/hr iżda suppost isiru f'toroq li l-massimu tal-veloċita' hi ta 30km/hr, però jibqa l-fatt li l-Kunsill iddeċieda hu li jneħħi dawn ir-road humps u għalhekk tlifna l-opportunita' li jkollna sigurtà fit-triq u jitneħħa l-abbuz.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak iz-zmien l-ilmenti kienu l-aktar mingħand nies li kellhom il-karrijiet u kien qed isirilhom ħsara u kien hemm mumenti li tqaċċtet id-dgħajsa flimkien mal-karru li kienet tkun qed tinġibed bil-karozza.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu jiftakar illi l-ewwel kienu saru humps tat-tarmac mill-Kunsill fil-bidu u jaħseb li ma kienux ta' l-istandard li suppost.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-għoli u l-wiesgħa tagħhom huwa skond l-veloċita' li trid tikkontrolla ez jekk qed tgħamel minnhom viċin ta' skola trid issuq b'ċertu veloċità u rigward il-karrijiet li semma s-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-iskop kien li ssuq bilmod għalhekk la darba tkun qed issuq bilmod ma kellux ikun hemm problema.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm mijiet ta' nies li ilmentaw.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta konna għamilnijhom tmien snin ilu kienu dak il-kobor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li ma kienux dan il-qis.

Is-Segretarju Ezekuttiv isSur Josef Grech qal illi l-erba humps li konna għamilna l-wiesgħa tagħhom kienet ta' 3.7metres u anke l-għoli kien tajjeb anke peres illi hemmhekk jgħaddi s-servizz tat-trasport pubbliku għalhekk ma tistgħax togħla aktar min 50 ċentimetru fl-iktar parti għolja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi 3 cms għoli trid taqsama fuq 60cms għaliex fuq metru u nofs ma tħossix din il-hump.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi irridu nimxu mal-*highway code*.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutjar qal illi ma jidirlux li qatt kellna humps bil-wiesgħa ta' 3.75 metres.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu ma jistgħux jifhem kif il-Kunsill dejjem jibbaża id-deċizjonijiet tiegħu fuq l-ilmenti tan-nies. Il-Kunsill għandu jmxi mal-highway code anke l-fatt li irridu nġibu petizzjoni min nies biex ngħamlu *road hump* għaliex jekk hemm bżonn din il-hump u l-post qiegħed ta' periklu għandha issir u mhux noqgħodu lura għax in-nies jilmentaw umbagħad ikun hemm xi inċident bħal ma ġara milux.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal ma jistax jifhem kif meta konna għamilnijom tal-lakstu kien qalulna li illegali meta huma għamluhom tal-lakstu.

Kien hemm qbil li nimplimentaw l-ewwel hump wara li nġibu l-approvazzjoni minn Transport Malta.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ħarġet fit-20:24.***

**42.7.7 Marsaskala Garden Final bill & updated quotes (35/1382/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi inqalat kwistjoni bejn il-Perit u l-Kuntrattur tal-BAVA u huwa għaliex waqt li kienu qed jaħdmu fuq il-konkos ta taħt ir-railing tal-injam x'kien hemm il-Kuntrattur tad-dawl u dawn kienu qed jissellfu l-mixer tal-concrete mingħandhom sabiex jagħmlu l-bażi tal-konkos biex imbgħad twaħħlu l'fuq min 60 bollard tad-dawl tal-BAVA qed titlob kumpens ta €8000 u fl-aħħar waslu għal konkluzjoni wara li tkellem mall-Perit tal-Kunsill fejn anke iċċekjat mar-rati standard tan-network Directorate u ittieħdet id-deċiżjoni li nħallsu tar-rental tal- *concrete mixer* li ġiet ikkalkulata illi intużat fuq bażi ta' ċirka 30 min għal kull bażi ta konkos li tiġi 30 siegħa bil-€50/hr u bkollox tiġi €1700 bil-vat b'kollox li ser ninkludu max-xogħol li sar fuq il-Ġnien u ser jiżdied fil-kont finali li qeda inkluża *fis-schedule of payments*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma kienx ser isemmija però staqsa jekk il-Perita tagħna ħaditx kunsiderazzjoni li wara l-kurduna tagħna ma sarx konkos?

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma talbux għal pagament tal-konkos li ma sarx għaliex hu tkellem diġà mal-Perita fuq dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li nkunu ċerti jekk ħallasnix tiegħu dan il-konkos għaliex wara l-kurduna dejjem irid isir il-konkos u filfatt dan il-konkos ma kienx sar.

Kien hemm qbil li niċċaraw dan mal-Perit u filfrattemp nzommu l-pagament milli jitħallas.

**42.7.8 Bulletproof Marsaskala Local Council outdoor gym (35/1315/23/I):**

Dan is-suġġet ġie diskuss diġà.

**49.7.9 Laptop/PC Free Maintenance proposal for all Valletta Residents:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ġiet diskussa fil-laqgħa li għaddiet fejn hu ivverifika li din l-inizjattiva qed issir f'ħafna lokalitajiet oħra u wara li tkellem mall-Kunsill ta San Ġwann infurmah illi huma ilhom li implimentaw din il-proposta għal dawn l-aħħar ħames snin però minħabba li din tinvolvi spiża finanzjarja lil Kunsill hu oltre l-istima li tagħna dan il-persuna hu ġab żewġ stimi oħra mingħand kumpaniji oħra li kienu ferm għola minn ta' dan il-persuna għalhekk bħala kunsill ma ġejniex biex nevalwaw offerta waħda iżda tlieta. Bażikament din toffri s-servizz lir-residenti kollha fejn min għandu PC jew laptop mhux jaħdem dan jissewwa mingħand din il-kumpanija u hemm anke is-servizz li darbtejn fil-ġimgħa l-istaff tan-*notebook centre* jiġbru il-*laptops* ta dawn in-nies u wara jiġu ritornati lil klijent mingħajr pagament, kompla jgħid illi l-Kunsilliera kellhom jiltaqgħu ma dan il-persuna. Hu jemmen li jekk il-Kunsill jaċċetta din l-inizjattiva irid isir *marketing* tagħha fuq *facebook*.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi hu ma tkellimx ma dan ir-raġel u hu indaga ftit u jidher li l-Kunsill tal-Belt ukoll qed jgħatu dan is-servizz. Hu qal illi la darba ser ikun hemm kollezzjoni tal-*laptops* mill-Kunsill ikun ħafna aktar faċli għar-residenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din is-sena in-*National Audit Office* qabdu ftit Kunsilli fejn tagħna kien wieħed minnhom u dawn qed jidħlu f'ħafna dettal għalhekk il-Kunsill ġab tlett stimi għal dan is-servizz. Apparti minn hekk huma jridu li l-Kunsill irid joħroġ is-sejħa permess tal-EPPS għalkemm mhux suġġeriment li hu tant prattiku għaliex dan jinvolvi ħafna rizorsi u preparamenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan is-servizz huwiex għal sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan servizz għal sena u nistgħu nwaqqfuh wara sena.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi milli qed jara it-tlett kumpaniji qed joffru l-istess servizzi.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb li l-Kunsill jgħati dan is-servizz lir-residenti tal-Lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li f'Marsaskala hawn ġenerazzjoni żagħżugħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jħoss li tajjeb qabel ma nmexxu u nieħdu deċiżjoni fuq dan ngħatu ċans sabiex naraw x'ħa jkun l-andament min naħa tal-awdituri tal-NAO dan minħabba li huma irrimarkaw kemm il-darba illi l-Kunsill ma ħariġtx is-sejħiet għal diversi servizzi u ma jixtieqx li jerġgħu jirrimarkaw fuq l-istess ħaġa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hu jemmen li meta l-Kunsill qed jgħatu xi ħaġa lura lir-residenti speċjalment f'edukazzjoni ma jħossx li għandha tkun problema.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm obbligi li l-Kunsill irid jaderixxi magħhom fejn il-Kunsill qed juża fondi pubbliċi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jifhem x'inhuma l-concerns però jħoss li dan is-servizz m'aħniex ser nibdewh aħna għal ewwel darba.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-Kunsill jistgħu joħroġ direct order sa massimu ta' €5000.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ fid-20:40</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema hi biss li l-Kunsill ħareġ ħafna direct orders.

Kien hemm qbil li naraw xi tkun id-deċizjoni min naħa tal-NAO u nimxu min hemm.

**49.7.10 <u>Minn ser ikunu r-rapprezentanza tal-Kunsill għal-AGM 2023 Douzelage:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi f'Settembru l-AGM tad-Douzelage imissa ssir ġewwa Rovignio fil-Kroazja u fis sena 2025 l-AGM ser titella f'Marsaskala u din hi xi ħaġa mhux faċli xejn biex titella, u trid ħafna u ħafna xogħol. Hu qal illi min ser jitla għal-laqgħa irid imid għonqu għax xogħol izda għandna bżonn xi ħadd mill-amministrattiv sabiex ikun jista jieħu minuti u idejat.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri ħareġ mil-laqgħa fid-21:02.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jħoss li tajjeb li jkun hemm il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għaliex hemm bżonn ta' persuna teknika.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jipproponi li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ikunu fis-sezzjoni taz-zagħazagħ, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jibqa fin-naħa tal-edukazzjoni u hu flimkien mall-Assistent Prinċipal is-Sinjura Rebecca Micallef ikunu fl-AGM.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal hu jħoss li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jkun parti mill-AGM biex josserva kif jitwaħħal u jintuża l-apparat kollu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal jitolbu permess biex ikunu tlieta, hu qal illi din fiha ħafna xogħol u l-Kunsill għandu bżonn għajnuna finanzjarja min naħa tal-Gvern Ċentrali li qed jaħdem fuq dan ukoll. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu diġà tkellem mad-delegazzjoni u nformahom li ser ikunu ħames min-nies però għadu ma indikax l-ismijiet tan-nies.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rigward in-*Non delegates* kif ukoll id-delegati iħallsu il-biljetti tagħhom huma u jiġu rimborsati min naħa tal-Kunsill għad-delegati.

Kien hemm qbil unanimu.

**49.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**49.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-pagament Numru 4848 tal-kuntrattur Progressive tal-Parks and Gardens ġie mwaqqaf mill-Contracts Manager illi għalkemm iċċertifikah bil-lest però ma jixtieqx li ma jitħallasx alissa għaliex mhux kuntent b'xi xogħol li għadu ma għamilx fosthom nuqqas ta' tisqija,siġar tax-xatt u fjuri. Il-Kuntrattur għandu jagħtina programm tat-tisqija għas-sajf

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal min naħa tiegħu jinsab urtat li mis sajf l-għadda l-hawn bħala Kunsill ma konniex kapaċi li nszommu pots in-naħa ta' Grabiel fejn dawn qegħdin max-Xatt u tant jidhru, hu qal illi japprezza ix-xogħol li qed isir min naħa tal-ġardinar Pierre kif ukoll il-ħaddiem Kieth Pavia xorta waħda hemm bżonn li dawn il-pots jidru tajbin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jaqbel mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u jidher li għadna ma wasalniex però tajjeb li nkellmu l-Pierre u forsi nixtru xi xtieli min naħa tagħna. Tajjeb li nkellmu anke lil Pierre forsi jgħati xi trattament lil dawn l-ixtieli.

**49.8.2** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-pagamenti Numru 4852 li jammonta għal €1846.45 li jinkludi fih l-*earthworks u l-variations fejn il-Perit iċċertifikatu l-pagament.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li nkellmu lil-Perit tal-Kunsill rigward il-kurduna li ma hemmx konkos waraja.

Kien hemm qbil li jinżamm il-pagament sakemm ikollna konferma min naħa tal-Perit.

***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**49.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**49.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (132 – 16/03/23):</u>**

*''Jipproponi li l-parti tan-nofs ta' Triq il-Lampuka li tiġi ezatt faċċata tal-bieb prinċipali tal-iskola Primarja ta' San Ġwakkin, tiġi ONE WAY. Jitwaħħlu (no entry signs) fil-bidu ta' Triq il-Lampuka kantuniera ma Triq l-Isfar. Dħul isir biss minn Triq il-Lampuka kantuniera ma' Triq Patri Wistin Born. Dan għar-raġuni li inzebgħet metru bil-kulur aħdar flok saret bankina biex tkun rizervata biss biex ġenituri bit-tfal jgħaddu minnha u mhux minn nofs t-triq. Fid-dawl ta' dan il-parkeġġ ħareġ metru l-barra allura t-triq ma tiflaħx li jgħaddu zewġ vetturi opposti ta' xulxin.''*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed tkun ta' periklu għal ġenituri u tfal biex jaqsmu u għalhekk għamilna xi marki ma l-art sabiex il-vetturi ma jibqgħux jipparkjaw mal-ħajt għalhekk hu qed jissuġġerixxi illi in-naħa tal-istationery tiġi one way għaliex meta tiġi min triq il-vjola tista tibqa ħiereġ il-barra.

Kien hemm qbil unanimu li napplikaw ma TMalta.

**49.9.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (133 – 8/03/23):**

*''Qabel ma nbnew mill-ġdid parti minn Triq il-Vjola kif ukoll Triq ġdida fi Triq ir-Ridott, il-Kunsill għamel diversi talbiet l-Enemalta biex isir u jizded dawl adekwat, izda dawn ġew kollha injorati u waqgħu fuq widnejn torox bil-konsegwenza li illum f'dawn iz-zewġ toroq hemm dlam ċappa u tista toqtol u tindifen. Ħafna resideni jevitaw jgħaddu minn dawn it-toroq speċjalment bir-riġel. Għaldaqstant flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri responsabbli mill-enerġija, qed nipproponi bl-urġenza nikkonsultaw mal-Enemalta biex jikkunsidraw din it-talba tagħna xejn kappriċċ izda dover lejn iċ-ċittadin.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din għamilna diġà talba għaliha kif ukoll għal triq ta' ħdejn San Spiridione u Triq ir-Ridott u għalkemm ġbidnilhom l-attenzjoni kemm il-darba qatt ma sar xejn u peress illi din triq ġdid bilfors irridu nistennew mingħandhom.

Kien hemm qbil li nerġgħu nibgħatulhom.

**49.9.3** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (134 – 18/04/23):**

*"Jipproponi li kemm jista' jkun malajr u qabel ma jidħol iktar zmien nitolbu lil xi entità governattiva sabiex titranġa il-bankina tul Triq ix-Xatt in-naħa tal-baħar. Huwa evidenti li ma għadiex fi stat tajjeb u ġiet perikoluza biex timxi fuqha. Jekk ma titranġax għanda tingħalaq għal pubbliku immedjatament."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min dakinhar li għamel il-mozzjoni kien hemm tibdil però jħoss li għandhom iħaffu ix-xogħol però jirtira din il-mozzjoni għaliex ix-xogħol beda.

**49.9.4** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (135 – 20/04/23):**

*'' Jipproponi li fil-ġnub ta' dawn ir-rampi fi Triq ix-Xatt ngħamlu xi tip ta' U shape railing żgħir għax ta' spiss qedin jaqaw in-nies fihom.''*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jixtieq jemenda l-mozzjoni illi tidaħħal Triq il-baħħara flimkien ma Triq ix-Xatt.

Kien hemm qbil unanimu.

**49.9.5** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (136 – 20/04/23):**

*"Jipproponi li fit-taraġ minn Triq Frans Grech għal Triq il-Knisja ngħamlu puġġuman aħjar u iktar sod u għoli għax xi ħadt għamel wieħed fil-baxx ħafna xi snin ilhu ."*

Kien hemm qbil unanimu.

**49.9.6** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (137 – 24/04/23):**

*'' Jipproponi li din it-telephone box tiġi restawrata u jekk ikun hemm qbil li tiġi poġġuta ġo post prominenti.''*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ix-xogħol diġà qed isir.

**49.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 27 t'April 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |